MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 823/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Dr. Yana Micallef Stafrace u P. L. Peter Paul Sammut gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Wen Tao Hou b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2012, u**
**Lin Han**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-17 ta' Awwissu 2012 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 9 ta' Ottubru 2008, in atti Nutar Dottor Reuben Debono (Dok. A) is-socjeta attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Wen Tao Hou u Lin Han;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Wen Tao Hou u Lin Han fis-somma ta' mitejn u ghoxrin elf u wiehed u disghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€220,091.49) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* ta' Wen Tao Hou u Lin Han mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B3) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Awwissu 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dokument A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Wen Tao Hou u Lin Han;
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Wen Tao Hou u Lin Han li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Wen Tao Hou u Lin Han gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. C, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Wen Tao Hou u Lin Han (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm

bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Wen Tao Hou u Lin Han li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici; u

2. Tikkundanna lil Wen Tao Hou u Lin Han ihallsu flimkien u ”in solidum” bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin elf u wiehed u disghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€220,091.49) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Account”* ta' Wen Tao Hou u Lin Han mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B3) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Awwissu 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru 2011 u tal-Mandat ta- Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li tghid hekk:
Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat li l-konvenuta Lin Han debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat il-provi u dokumenti esebiti;
Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li ma thallas xejn mill-ammont dovut fl-att promotur u ghalhekk ghadu dovut l-ammont intier kif mitlub;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lil-bank attur l-ammont ta' mitejn u ghoxrin elf u wiehed u disghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€220,091.49), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------